MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Numru 699/2004

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Nadine Wallace**

**Illum 4 ta' April, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Nadine Wallace ta' 30 sena, bint Francis u Mary nee` Sammut, imwielda Attard fil-20 ta' Dicembru 1974 u residenti 113, 'Joslic', Flat 3, Triq in-Naxxar, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 53975M giet akkuzata talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer, matul Mejju 2004, u l-10 t'Awissu 2004, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe` cekkijiet ta' l-HSBC Bank li jappartjenu lil Antoinette Ellul Grech, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli ghamlet xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Iffalsifikat cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, u cioe` cekkijiet tal-HSBC Bank fuq l-akkont ta' Antoinette Ellul Grech illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli ghamlet uzu mill-istess karta msemmija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh b'qerq bi hsara ta' Antoinette Ellul Grech, HSBC Bank u diversi persuni ohra bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Xjentement laqghet ghandha jew xtrat affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li tkun indahlet biex tmexxihom jew

tbieghhom bi ksur ta’ l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Ikkommettiet serq ta’ cekk book mahrug mill-HSBC Bank fuq l-akkont ta’ Antoinette Ellul Grech, liema serq huwa aggravat bil-persuna, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kas, tikkundanna lill-Nadine Wallace ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri jekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa iddikjara li l-hames akkuza migjuba kontra l-imputata, li tirrigwarda ricettazzjoni, inghatat bhala akkuza alternattiva ghas-sitt akkuza li tirrigwarda serq u ghalhekk talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija hames akkuza.

Innutat ukoll li fis-Seduta ta’ llum l-imputata ammettiet l-akkuzi migjuba kontra taghha barra l-hames akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha barra l-hames akkuza.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa iddikjara li l-imputata kkoperat mal-pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 183, 184, 167, 169, 308, 309, 310, 261(d), 268 u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Nadine Wallace, fuq ammissjoni, hatja tal-ewwel akkuza, tat-tieni akkuza, tat-tielet akkuza, tar-raba' akkuza u tas-sitt akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata, l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa iddikjara li l-imputata kkoperat mal-pulizija u li r-rifurtiva giet ritornata u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Nadine Wallace ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum l-imputata Nadine Wallace tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward il-hames akkuza, il-Qorti fid-dawl ta' dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Angelo Gafa fil-Verbal tas-Seduta ta' llum rigward din l-akkuza u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza stante li din l-akkuza, li tirrigwarda ricettazzjoni, nghatat bhala akkuza alternattiva ghas-sitt akkuza li tirrigwarda serq.

In kwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni li l-Qorti, jekk ikun il-kaz, tikkundanna lil Nadine Wallace ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-Qorti rat li ma jirrizultax li gew inkorsi spejjez a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'din il-kawza, tichad it-talba.

Il-Qorti qed taghti lill-imputata Nadine Wallace l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------